# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Marvin Farrugia**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Marvin Farrugia, ta' 37 sena, iben Lawrence u Mary Rose xebba Dingli, imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Novembru, 1982 u residenti 1F, H, Triq Hal Luqa, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 622382 (M).

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Lulju, 2020 ghall-habta tal-10:00hrs gewwa Hal Qormi, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-genituri tieghu Lawrence u Mary Rose Dingli, kif ukoll lil ohtu Sera Farrugia biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;
2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor u cioe' li lill-genituri tieghu Lawrence u Mary Rose Dingli, kif ukoll lil ohtu Sera Farrugia inguriji u theddid, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil genituri tieghu Lawrence u Mary Rose

Farrugia, kif ukoll lil ohtu Sera Farrugia u r-residenza taghhom u kif ukoll il-postijiet li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali, hadet in konsiderzzjoni ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fatt li tnejn mill-parte civile hahfrulu. Aktar minn hekk hadet in konsiderazzjoni l-fatt li missier l-imputat lest li jaccetta lill-ibnu id-dar.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**